# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

**PAPA ADRIANU VI**

Adrianu twieled gewwa Utrecht fit-2 ta' Marzu 1459 minn Florens u martu Gertrud. Missieru kien mastrudaxxa u huwa wiehed minn zewg papiet, flimkien ma Marcellus II li zammew isimhom tal-maghmudija. Huwa kien l-ahhar papa mhux taljan sakemm 456 sena wara, gie elett Gwann Pawlu II, papa polakk. Safa' iltim meta kellu 10 snin jew izghar. Huwa studja l-universita' ta' Leuven fejn ha d-dottorat tat-teologija fis-sena 1491. Serva wkoll bhala vici kancillier ta' l-istess universita'.





Fis-sena 1507 huwa kien appuntat ghalliem jew tutur ta' Karlu, it-tfajjel ta' seba' snin, li aktar 'l quddiem kellu jkun

imperatur. Adrianu gie mahtur isqof ta' Tortosa u kellu wkoll id-dmirijiet ta' Inkwisitur Generali ta' Aragona. Il-Papa Ljun X hatru kardinal fis-sena 1517.

Wara l-mewt ta' Ljun X il-kardinal Gulju de Medici kien qed igawdi popolarita' fost il-kardinali l-ohra, bic-cans li jilhaq papa, izda l-kardinali francizi kienu fi kwistjoni ma' dawk spanjoli u ma setghax jintlaqah fethim. Ghalhekk waslu f'kompromess li jaghzlu lil Adrianu meta dan ma kienx prezenti ghall-konklavi. Kien elett kwazi b'vot unanimu. Karlu V ferah bil-ghazla ta' Adrianu, it-tutur antik tieghu, imma malajr fehem li Adrianju kien ser ikun mexxejj li ma juri favuri lejn hadd. Frangisku I ta' Franza li beza' li Adrianu kien ser ikun ghodda f'idejn l-imperatur, hedded li johloq firda imma aktar tard irrealizza li kien zbaljat u baghat ambaxxata lill Papa biex jifrahlu u jwieghdu r-rispett tieghu.

Hafna hasbu li Spanja kien ser issir Avignon ohra, izda kien biza' bla bazi, ghaliex ma' l-ewwel cans li kellu Adrianu telaq lejn Ruma. Huwa dahal fil-belt eterna b'mod solenni fid-29 ta' Awissu biex jumejn wara kellu jkun nkurunat Papa. Kellu 63 sena u l-ghan tieghu kien li jirriforma lill-knisja.

Adrianu VI dahal ghal dawn id-dmirijiet ta' papa meta fil-qorti papali l-korruzzjoni kienet l-ordni tal-gurnata, meta l-princpijiet ta' l-Ewropa kienu lesti li jaghmlu wiehed ghal iehor, meta l-Germanja kienet taqliba wahda minhabba r-ribelljoni ta' Luteru u t-Torok kien qed javvanzaw fuq l-Ungerija minn Belgrad.

Kellu f'mohhu li jeqred dawn l-abbuzi u jattwa riforma billi jibda' jirranga mill-gheruq taghha haga wara l-ohra dak kollu li kien qed ixekkel il-knisja. L-ewwel haga li ghamel kienet li jgib l-ordni fil-qorti papali u jirranga l-problema ta' l-indulgenzi, izda sab hafna tfixkil minn ta' madwaru. Adrianu ntefa' b'ruhu u gismu ghal bicca xoghol iebsa. Huwa accetta l-fatt li kien hemm korruzzjoni kbira u beda' biex qaccat lil dawk l-uficcjali li ma kienux denji ghal posthom. Biex hadd ma jakkuzah b'xi favoritizimu huwa ma ried jaghti ebda vantagg lill xi membri tal-familja tieghu

In-nies ta' l-arti bdew jabbandunaw lir-Ruma ghax il-Papa ma kienx patrun taghhom minhabba li t-tezor kien kwazi vojt. Minhabba dan il-fatt ir-rumani laqqmuh bhala barbaru u tilef hafna popolarita' minn fost il-poplu. Adrianu VI ma steghax igib il-paci fost l-mexxejja nsara minhabba d-differenzi bejnithom. Xtaq kieku li ssehh l-ghaqda biex ikun unjoni kontra t-thedidda torka. F'Awissu tas-sena 1523 huwa ghamel alleanza ma' l-Ingilterra,  Venezja u l-Imperu Mqaddes Ruman kontra Franza. Sadanittant is-sultan Suleiman rebah lir-Rodi fis-sena 1522.

Imma dan l-entuzjazmu kollu kellu jieqaf ghaliex gewwa Ruma faqqet il-pesta li minhabba fiha l-kardinali kollha harbu 'l barra. Huwa biss baqa' hemm u l-marda ma messitux. Imma ghalkemm baqa' f'sahhtu tilef sitt xhur li fihom ma seta' jaghmel xejn ghaliex il-kardinali ma kienux hemm. U meta l-

pesta ghebet ghal kollox u l-kardinali mill-gdid irritornaw gewwa Ruma, Adrianu nxtehet marid. Huwa miet fit-12 ta' Settembru, 1523. Kienet telfa kbira ghall-knisja.

Ir- renju papali tieghu kien qasir. Iz-zmien li ghamel bhala mexxejj tal-knisja ma kienx bizzejjed biex idahhal ir-riformi li xtaq u li kienu ta' gid ghall- knisja kattolika.